MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2008

Numru 10/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Roberto Conte w**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 10 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat Roberto Conte li bih huwa gie akkuzat talli:

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap li fl-erbgha (4) ta' Novembru, elfejn u erbgha (2004), Roberto Conte w Omissis waslu Malta minn Pozzallo go Sqallija fuq il-catamaran San Gwann ghall-habta tad-9.15 p.m. bil-vettura MZU 777 li fiha nstab li xjentement kellhom u kienu qed igorru kwantita' konsiderevoli ta' raza mehuda mill-pjanta cannabis ta' madwar disa' kilos u nofs.

Ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis hija medicina perikoluza kkontrollata bil-ligi taht l-Ordinanza dwar

Medicini Perikoluzi, w ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluza msemmija.

Illi b'ghemilhom l-imsemmija Roberto Conte w Omissis saru hatja talli importaw, gieghlu li tigi mportata jew ghamlu xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (raza mehuda mill-pjanta cannabis) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellhomx licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija Roberto Conte w Omissis, hatja talli mportaw, gieghlu li tigi mportata jew ghamlu xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (raza mehuda mill-pjanta cannabis) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellhomx licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u illi jigu kkundannati ghal piena ta' prigunerija ghal ghomorhom u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 7, 8(a), 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.

2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi dejjem wara li l-akkuzati waslu Malta fl-4 ta' Novembru, 2004, filwaqt li kienet qeghda ssir tfittxija fil-vettura ta' Roberto Conte, nstab li kienu fil-pussess xjenti ta'

kwantita' kbira ta' raza mehuda mill-pjanta cannabis. Illi f'din il-vettura nstabu tmienja w tletin blokka tar-raza tal-cannabis, li fil-fatt kienu f'ammont nett totali ta' 9400.9 grammi liema kwantita' ferm kbira ta' raza mehuda mill-pjanta cannabis kienet intiza sabiex tigi mghoddija lil haddiehor f'Malta, bi skop ta' qliegh.

Ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis hija medicina perikoluza kkontrollata bil-ligi taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, w ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluza msemmija.

Illi b'ghemilhom l-imsemmija Roberto Conte w Omissis saru hatja talli kellhom fil-pussess taghhom d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis li ghaliha tapplika t-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija w ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienux awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom u dik id-droga ma kienitx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghhom.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija Roberto Conte w Omissis hatja talli kellhom fil-pussess taghhom id-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, li ghalihom tapplika t-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahruga mit-Tabib

Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija w ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienux awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom u dik id-droga ma kienitx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghhom.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati w illi jigu kkundannati ghal piena ta' prigunerija ghal ghomorhom u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(a)(b), 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 23, 20, 17(b) u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.

3) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi ghall-habta ta' Novembru, tal-elfejn u erbgha w xi sitt xhur qabel, l-akkuzati ftehmu ma haddiehor sabiex tiddahhal f'Malta d-droga raza tal-cannabis u tigi mibjugha w traffikata f'dawn il-Gzejjer partikolarment lil certu Charlie u Giovanni Conte li kienu miftehmin maghhom.

Illi din id-droga kienet tigi mixtrija f'Napli bi ftehim ma certu Cheng u Vincenzo. Illi Roberto Conte kien fil-fatt xtara tali droga w importha f'Malta diversi drabi. Illi hu kien ikun akkumpanjat minn omissis li kienet ukoll

tipprovdi l-flus. Illi l-ftehim taghhom kien li wara, din ir-raza tal-cannabis kienet tinbiegh Malta bi qliegh kbir.

Illi b'ghemilhom, l-imsemmija Roberto Conte w Omissis, saru hatja talli assocjaw ruhom ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibieghu jew jittraffikaw medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromovew, ikkostitwew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmija Roberto Conte w Omissis hatja talli assocjaw ruhom ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibieghu jew jittraffikaw medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromovew, ikkostitwew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati w illi jigu kkundannati ghal piena ta' prigunerija ghal ghomorhom u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ta' Roberto Conte tad-9 ta' Marzu, 2007, fejn iddikjara li kien ser jirregistra ammissjoni ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu b' dana illi

kwantu ghall-piena ddikjara li jrid jaghti x-xiehda tieghu bil-ghan li l-istess piena tigi imnaqqsa b' zewg gradi ai termini tal-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali tas-26 ta' Novembru, 2007 li bih talab li jkun hemm is-separazzjoni tal-gudizzju biex il-kaz tal-akkuzat Roberto Conte jigi deciz qabel dak ta' Omissis.

Rat id-Digriet Taghha tas-27 ta' Novembru, 2007, fejn laqghet it-talba tal-Avukat Generali w ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju b' dan li ordnat il-firda tal-kawzi taz-zewg akkuzati w hekk l-kawza ta' Roberto Conte tkun tista' ssir separatament minn dik tal-akkuzata l-ohra.

Rat ir-rikors konguntiv tal-Prosekuzzjoni w tal-akkuzat tad-9 ta’ Jannar, 2008, li bih, wara li ppremettew li huma kienu qablu li, fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat Roberto Conte ghall-akkuzi migjuba kontrieh il-piena li ghandha tigi inflitta fuq l-akkuzat ghandha tkun wahda ta' tnax (12) il-sena prigunerija w multa ta' tmienja w ghoxrin elf Ewro (€ 28,000) oltre s-sanzjonijiet u l-konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni w sejbien ta' htija ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 101, inkluz, imma mhux biss, il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-proprjeta' immobbli w mobbli tal-akkuzat, talbu li din il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat ghall-piena fuq imsemmija ai termini tal-art. 453A (1) (2) tal-Kodici Kriminali.

Rat illi fil-bidu tal-udjenza tal-lum, din il-Qorti spjegat bi kliem car lill-akkuzat x' ikunu l-konsegwenzi tat-talba tieghu kontenuta fir-rikors imsemmi;

Rat illi waqt is-seduta tal-lum l-akkuzat, mistoqsi jekk hux hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li hu kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-twegiba w tatu ftit taz-zmien biex jerga’ lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-akkuzat baqgha jtenni t-twegiba li hu kien hati;

Tiddikjara ghalhekk lil Roberto Conte hati:

1. talli fl-4 ta' Novembru, 2004, importa, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (raza mehuda mill-pjanta cannabis) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett, u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;
2. talli fl-4 ta' Novembru, 2004, kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, li ghalihom tapplika t-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma kienitx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;
3. talli ghall-habta ta' Novembru, 2004 u xi sitt xhur qabel, assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni, w dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Qieset li skond il-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i)(aa) tal-Kap.101, meta l-Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta' tal-hati, il-kondotta ta' qabel tal-hati, il-kwantita' tal-medicina w x-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f'kazijiet bhal dawn il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira.

Qieset li l-hati rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-process u qabel ma giet iffurmata l-gurija;

Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja; (Ara **"Ir-Repubbklika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi",** Qorti Kriminali , [24.2.1997] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa",** Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002] u BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE, (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.).

Qieset ukoll il-kondotta incensurata tal-hati kif ukoll iz-zmien li hu lahaq ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn l-akkuzi;

Qieset ukoll li l-hati fis-seduta tal-lum iddepona dwar is-sehem u x-xjenza li kellha l-ko-akkuzata l-ohra f'dan il-kaz.

Qieset ukoll illi r-reati dedotti fl-Ewwel u fit-Tielet Kapi tal-Att tal-Akkuza servew bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat dedott taht it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza w ghalhekk, ghall-fini tal-konkors tal-pieni, ghandha tapplika r-regola li hemm fl-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; (Ara **"Ir-Repubbklika ta' Malta vs.**

**Mansour Muftah Nagem"** [31.10.2002] u **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Hasan Omar Ibrahim Farag"** [15.05.2003] u ohrajn).

Qieset finalment il-piena li nghatat minn din il-Qorti f'kazijiet analogi recentement biex ikun jista' jinzamm certu proporzjon u relativita' fil-piena ghal dak li jirrigwarda l-gravita' tar-reat meta jkun hemm ammissjoni bikrija, w dana bil-ghan li jkun hemm certa uniformita' f'sentenzi li jirrigwardaw din il-materja, w dan ukoll fid-dawl ta' dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Kolleggjali) fis-sentenza fl- ismijiet **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Walter John Cassar"** [4.10.2007], fejn deherilha li l-ftehim bejn il-prosekuzzjoni w l-hati kellu jipprevali fuq il-gudizzju ta' din il-Qorti, sakemm id-differenza fil-piena ma tkunx wahda sostanzjali.

Ghaldaqstant, wara li qieset dan kollu, peress li tinsab sodisfatta li l-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u mizuri mitluba fir-rikors konguntiv tal-Avukat Generali w tal-hati huma tali li hu legittimu ghaliha li timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reati ammessi mill-hati, u li ghalhekk m'ghandhiex ghaliex tordna li jkompli jsir il-guri tal-kaz, u wara li spjegat lill-hati bi kliem car x' inhuma l-konsegwenzi tat-talba tieghu, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 7, 8(a)(b), 9, 10(1), 12, 14, 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(aa)(3A)(c)(d), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 17(h), 20, 23, 453A(1)(2) u 533 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9), tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors konguntiv tal-Avukat Generali w tal-hati fuq imsemmi w tikkundanna lill-hati Roberto Conte ghall-piena ta' tnax (12) il-sena prigunerija, b'dana li minn dan il-perjodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv BISS in konnessjoni ma dawn ir-reati, kif ukoll multa ta' tmienja w ghoxrin elf Ewro (€ 28,000) li jigu konvertiti awtomatikament fi tmintax (18) il-xahar ohra prigunerija, jekk ma jithallsux minnufieh kif ukoll li jhallas is-somma ta' tlett elef, mitejn u disa' w erbghin Ewro u sbatax Ewro cent (€ 3249.17), import ta' nofs (½) tal-

ispejjez tal-perizji nkorsi tul il-process tal-hati a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati.

Tordna ukoll id-distruzzjoni tal-istess droga esebita a kura tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti bl-assistenza tal-Ispizjar Mario Mifsud, sakemm, fi zmien hmistax il-jum mil-lum l-Avukat Generali b'Nota ma jinfurmax lil din il-Qorti li ghandu bzonn li din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' xi proceduri ohra kontra terzi w b'dan li l-istess Deputat Registratur ghandu jirraporta b'verbal lil din il-Qorti meta din id-droga tkun giet hekk distrutta.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------